Minuti tal-Laqgħa Nru. 31 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar t-Tlieta, 3 ta' Novembru 2014 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjorina. Christina Sammut |
| Skużati | Is-Sinjura. Lucia Massa |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Xogħolijiet
5. Ftehim ta Koperazzjoni, Fontana
6. Mixgħela tal-Milied
7. Progress Uffiċċju Amministrattiv
8. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
9. Aġġornament

**1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Il-minuti ġew approvati.

**2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI**

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

**3.0 KORRISPONDENZA**

3.1 Is-Sindku semma li ħarġet l-applikazzjoni għal iskema tal-attivitajiet kulturali. Huwa appella lill-Kunsilliera biex jagħtu wkoll idejat ta jista jiġi organiżżat.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma biex l-attivita issir qabel is-Sajf. Huwa semma li jista jkun organiżżat xi ħaġa mhux fuq frott imma anki jinġiebi xi għodod u affarijiet t' artiġjanat.

3.3 Is-Sindku semma li l-Kunsill xorta waħda jkun irid jġib fondi biex titella' l-attivita billi mill-applikazzjoni dejjem jingħataw ftit flus. Kien hemm proposta id-data tas-17 ta' Mejju billi dakinhar tkun eżatt il-weekend li jiġi wara l-15 ta' Mejju. Is-Sindku ippropona li dakinhar issir il-wirja filgħodu imbagħad ikun hemm ikla filgħaxija fil-Pjazza.

3.4 Il-Kunsillier Falzon semma li idejalment l-ewwel naraw meta se ssir l-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali imbagħad nippjanaw fuqha. Il-Kunsilliera preżenti qalu biex l-aħjar issir ġimgħa wara l-Għid il-Kbir.

3.5 Is-Sindku semma li issa wasal iż-żmien biex il-Kunsill Lokali joħroġ ir-rivista tiegħu. Huwa ippropona lill-Kunsilliera biex ilestu l-artikli tagħhom biex ikunu inklużi fir-rivista.

3.6 Is-Sindku semma li issa waslet biex tingħata t-tilqima tal-influwenza fejn il-Kunsill qed jiġbor l-ismijiet. Huwa semma wkoll li daqt jinbeda eżerċizzju tal-bdil tal-Karti tal-Identita fejn qed jitqasssmu xi karti ġod-djar.

3.7 Is-Sindku semma li kellu laqgħa flimkien ma Kunsilli oħra dwar il-Malta Community Chest Fund fejn il-President appellat biex jiġu organiżżatti attivitajiet li minhom jistgħu jinġabru fondi b' risq filantropiku.

3.8 Is-Sindku ippropona li tista tiġi organiżżata logħba bejn ir-rappreżentanti tal-partiti politiċi u dawk tal-baned fejn il-parteċipanti iħallsu € 10 kull wieħed.

3.9 Is-Kunsillier Camilleri semma li nistgħu inkellmu lil tat-Take Off billi huwa jieħu sehem fil-cross country sabiex jgħinha norganiżżaw fun run.

3.10 Il-Kunsillier Caruana semma li huwa jista jieħu ħsieb biex jorganiżża ġirja bir-roti. F dan il-każ u f' dak tal-fun run il-parteċipanti kbar jħallsu € 5 u dawk żgħar iħallsu € 2. Id-data proposta mill-Kunsilliera kienet dik tas-6 ta' Diċembru. Is-Sindku ippropona lill-Kunsilliera biex nerġgħu niltaqgħu ġurnata oħra biex inkomplu niddiskutu.

3.11 Is-Sindku qal li kien hemm proposta ġurnata sabiex fiha niltaqgħu mal-kuntrattur tas-soft areas. Is-Sindku appella lill-Kunsillier Caruana sabiex huwa wkoll ikun preżenti waqt il-laqgħa.

3.12 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-bank li kien sar fi Triq Sant' Andrija billi dan kien ferm sabiħ. Is-Sindku qal li jekk dan il-bank intgħoġob dawn jistgħu jsiru bħalhom fil-Pjazza.

3.13 Is-Sindku qal li se jkunu qed isiru l-bollards li l-ewwel se jkunu qed isiru quddiem il-Każin tal-Banda imbagħad jibqgħu telgħin il-fuq lejn il-Pjazza.

3.14 Is-Sindku semma li bħalissa qed isiru triswijiet ta numru ta bankini mill-ġdid. Is-Sindku semma li kien hemm rapport minn naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq l-istat tal-bankini u kien jeħtieġ li jsir ix-xogħol urġenti. Is-Sindku kellem lill-kuntrattur tal-Kunsill li jagħmel dawn ix-xogħolijiet fejn dan qal li huwa jinsab maqbud bix-xogħol u għalhekk ma jistax jagħmel dan ix-xogħol għalissa. Is-Sindku għalhekk talab lill-kuntrattur biex isib sub contractor li jista jagħmel dan ix-xogħol billi dan huwa urġenti. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandu jsir dan ix-xogħol kif qed isir anki billi dan huwa urġenti.

3.15 Is-Sindku qal li ż-żewġ każini se jieħdu sehem f' simpożju fuq il-logħob tan-Nar li se jkun organiżżat mir-Reġjun. Għal dan is-simpożju huma se jħejju xi logħob tan-Nar li għalih se jingħataw għotja mir-Reġjun.

3.16 Is-Sindku qal li kienet saret laqgħa mar-rappreżentanti ta Mildenhall fejn kienet laqgħa tajba ħafna. Huwa semma li hemm potenzjal li jkun hemm ġemellaġ il-quddiem ma din il-lokalita.

## 4.0 XOGĦOLIJIET

4.1 Is-Sindku semma li issa li hemm l-ewwel fażi tal-proġett tal-Family Park lesta issa hemm il-bżonn li jkun hemm sistema ta CCTV cameras biex jiġi evitat li jkun hemm vandaliżmu. Huwa qal li r-Reġjun se jkun qed jagħti xi forma t' għajnuna lil dawk il-Kunsilli li jixtiequ li jkollhom sistemi hekk fil-lokalita tagħhom. Huwa semma li se tkun qed issir laqgħa fuq il-post u appella lill-Kunsillier Caruana sabiex jattendi.

4.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali bħalissa qed jagħti opportunita biex żewġ żgħażagħ mill-lokalita jibbenefikaw minn skema ta xogħol bl-isem ta LEAP. Il-Kunsillier Caruana semma li huwa wkoll jaf xi persuni li jistgħu jibbenefikaw minn din l-iskema. Is-Sindku stiednu sabiex jgħaddi d-dettalji tagħhom ħalli tkun tista ssir applikazzjoni għalihom.

## 5.0 FTEHIM TAL-KOPERAZZJONI, FONTANA

5.1 Is-Sindku semma lill-Kunsilliera li dakinhar tat-30 ta' Novembru se tkun qed issir ħarġa għal Fontana fejn diġa saru diskussjonijiet mal-Kunsill tal-post. Is-Sindku qal li se jkollu programm dettaljat fejn imbagħad se jkun qed jikkordina aktar fid-dettal.

**6.0 MIXGĦELA TAL-MILIED**

6.1 Is-Sindku qal li kien hemm diskussjonijiet maż-żewġ każini fuq il-mixgħela tal-Milied fejn dawn infurmaw li se jkomplu jżidu mal-armar tad-dawl li hemm sabiex il-Pjazez ikunu aktar mimlijin u isbaħ.

**7.0 PROGRESS UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV**

7.1 Is-Sindku qal li x-xogħol fuq l-Uffiċċju Amministrattiv jinsab miexi sew. Huwa semma li qed isir ix-xogħol fuq is-suffett u l-partitions. Il-pjan huwa li sal-bidu tas-sena d-dieħla l-Kunsill jkun jista jimxi hemm.

**8.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

8.1 Il-ħlasijiet ġew approvatti mill-Kunsilliera b' vot unanimu.

Ma kienx hemm items oħra fuq l-aġenda li kellhom jiġu diskussi, għalhekk din ġiet eżawrita. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 3 ta' Novembru 2014 fis-6.30 pm. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________ 2014.

______________________

John Schembri
Sindku

______________________

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv